MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 886/2003

**Gasanmamo Insurance Limited**

**Vs**

**Joseph Arena**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm428.10) rappresentanti bilanc fuq hlas ta' premia fuq poloz ta'l-assikurazzjoni (Household Premium) mahruga mis-socjeta attrici ad inkarigu tal-konvenut minn Gunju 2001 sad-data tal-prezentata ta'l-avviz, u mhux imhallsa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja ta'l-4 ta' April 2003 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta'l-ahhar hlas kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm428.10), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja datata 4 ta' April 2003, (Dokument A), ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------